**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Erbgha 9 ta' Jannar 2002

Citazzjoni numru 987/2000 AJM

Kawza numru

Gasan Mamo Insurance Agency Limited u din in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Norman Zammit sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Norman Zammit

Vs

Fiona Camilleri

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fid-19 ta' Mejju 2000 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li fl-20 ta' Awissu 1999, fi Triq Penit, Zebbug, Malta, waqt li l-konvenuta kienet qed isuq karozza numru FIO 007 hija habtet mal-karozza numru JAG 401 misjuqa minn Violet Zammit u proprjeta' tal-assikurat tas-socjeta' attrici u assikurata taht polza

‘comprehensive’ mas-socjeta’ attrici; illi dan l-incident gara b’tort unikament tal-konvenuta minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenuta kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi in vista tal-imsemmija polza s-socjeta’ attrici ghamlet tajjeb ghad-danni kagunati mill-konvenuta fil-karozza assikurata maghha; illi d-danni kollha sofferti mis-socjeta’ attrici b’konsegwenza tal-incident fuq imsemmi jammontaw ghall-elf erba’ mija u sitta u ghoxrin liri maltin u wiehed u erbghin centezimi (LM1426.41) li jinkludu hamsa u sebghin liri maltin (LM75) ‘excess’ imhallas mill-assikurat tas-socjeta’ attrici hekk kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi l-konvenuta ghalkemm interpellata biex thallas baqghet inadempjenti; talabu li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mis-socjeta’ attrici;
2. tillikwida dawn id-danni fis-somma ta’ LM1426.41 li jinkludu LM75 ‘excess’ imhallas mill-assikurat tas-socjeta’ attrici fuq imsemmija jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;
3. li tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici in linea ta’ danni l-ammont hekk likwidat.

Bl-imghax u bl-ispejjes komprizi ghaxar liri maltin u hamsin centezimu (LM10.50) ta’ ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta’ Frar 2000 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-assikurzzjoni tal-konvenuta ai termini tal-Kap 104, kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-atturi.

Rat in-nota tal-konvenuta presentata fil-21 ta' Gunju 2000 li permezz taghha eccepiet illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kollizzjoni grat unikament tort ta' Violet Zammit li kienet qed issuq karozza, nru. ta' registrazzjoni JAG 401.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuta.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-13 ta' Lulju 2000 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-1 0 ta' Novembru 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u dokumenti ezebiti. Semghet lid-difensuri tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-3 ta' Dicembru 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkusnidrat:-

Fl-20 ta' Awissu 1999 sehh incident awtomobilistku gewwa Haz-Zebbug fejn Triq il-Helwa tisbokka ghal fuq Triq il-Penit. It-toroq jifformaw "T-Junction" bi Triq il-Penit bhala l-parti orizzontali. L-incident sehh ghal habta tas-1.00 p.m. bejn il-karozza numru JAG 401 misjuqa minn Violet Zammit u assikurata mas-socjeta' attrici, liema karozza kienet hierga minn Triq il-Helwa ghal fuq Triq il-Penit billi tikser fuq ix-xellug taghha. U l-karozza numru FIO 007 misjuqa mill-konvenuta go Triq il-Penit bl-intenzjoni li tidhol go Triq il-Helwa.

Fl-okkorrenza tal-incident maghmula mis-Surgent Grima s-sewwieqa tal-vettura huma rapportati li qalu hekk:

<u>*Il-konvenuta:*</u> "Jien kont qed insuq go triq il-Penit u kont se indur gol triq il-Helwa u hi kienet se idur fuq in-naha tal-lemin go triq il-Penit u hbatna."

<u>*Violet Zammit:*</u> "Jien kont gejjha minn Triq il-Helwa u kont ser indur go triq il-Penit lejn in-naha tax-xellug biex nipparkja, il-vettura l-ohra rajtha qed idur, daqejtilha il-horn u ma semghatnix ghax kienu qed jitkellmu u ma rawnix"

Ix-xhieda moghtija miz-zewg sewwieqa fl-udjenza jirrispekkjaw dak li hemm rapportat fl-okkorrenza hlief li iz-zewg sewwieqa jghidu li waqfu qabel l-incident u li kienet l-karozza l-ohra li giet fuqhom. Violet Zammit allegat ukoll li l-konvenuta kienet qed iddur il-kantuniera bi speed eccessiv "ghal lokalita". Fl-ahharnett ix-xhud Maria Dolores Camilleri, omm il-konvenut ziedet ukoll tghid li ftit qabel l-impatt rat lil Violet Zammit titkellem ma zewgt itfal li kienu fil-vettura taghha.

Ikkunsidrat:-

Fil-fehma ta' din il-Qorti li skizz tal-incident juri ezattament dak li gara biex sehh dan l-incident. Huwa minnu li Triq il-Penit bhala t-triq orizzontali f' "T-Junction" hija generalment kunsidrata bhala triq principali. Izda ghal fini tad-determinazzjoni tar-responsabbilita' f'dan l-incident dan il-fatt huwa ghal kollox rrilevanti. L-iskizz juri vettura diehla minn triq "principali" ghal go triq sekondarja meta l-istess triq sekondarja kienet imblukkata b'karozza ohra li kienet hierga mill-istess triq. Barra minn hekk jidher li l-vettura misjuqa mill-konvenuta kienet qedha "cutting the corner" fil-manuvra taghha biex tidhol f'din it-triq

minn fejn kienet hierga l-assikurata ta' l-attur. Il-kwistjoni jekk il-vettura assikurata mal-attur kienetx f'nofs it-triq jew le ukoll ma ghandha ebda relevanza billi bil-mod kif dahret il-konvenuta l-incident xorta wahda kien isehh anke jekk Zammit kienet qed izzomm kompletament fuq in-nahha taghha tat-triq.

Wara li hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u dak li ingha aktar il-fuq din il-Qorti hija tal-fehma li l-incident issucceda unikament tort tal-konvenuta billi din dahret kanuniera b'mod li ostakolta il-passagg liberu ghat-traffiku li kien hiereg minn Triq il-Helwa u dana billi hi ma kienetx attenta ghat-triq. Infatti mix-xhieda tal-istess konvenuta jirrizulta li din indunat bil-vettura l-ohra fl-ahhar attimi u kien dak il-hin li ttantat tieqaf biex tevita incident. Dan pero' kien tard wisq. Kienu l-konvenuta dahret b'mod li setgha kellha vizwali ahjar tat-triq dan is-sinistru kien jigi evitat. Il-konvenuta ghalhekk ghandha tirrispondi ghad-danni kagunati.

Dwar hsarat ma jidhirx li hemm kontestazzjoni u ghalhekk din il-Qorti ser toqghod fuq ix-xhieda ta' Hugh Zammit li kkonferma l-ammont indikat fic-citazzjoni kif korroborat b'ircevuti annessi mal-affidavit tieghu a fol 14 sa 17. Id-danni totali ghalhekk jirrizultaw li kienu fl-ammont ta' LM1426.41 li minnhom l-assikurat u cioe l-attur Norman Zammit hallas LM75 bhala 'excess'.

Jigi rilevat li t-talbiet fic-citazzjoni ma jikkomprendux talba ghal hlas tas-somma dovuta lill-attur Zammit billi tissema biss l-assikurazzjoni attrici, bis dan jidher li huwa zball tal-pinna li ma ghandux jippregudika lill-istess Zammit li wara kollox huwa ukoll attur u inoltre l-ammont reklamat fic-citazzjoni jikkomprendi l-ammont hekk imhallas minnu bhala 'excess'.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici billi tiddikjara l-konvenuta bhala unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi, tillikwida d-danni attrici fis-somma ta' elf erba' mija sitta u ghoxrin lira maltin wiehed u erbghin centezimu u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur Gasan Mamo Insurance Agency Limited nomine s-somma ta' elf tlett mija wiehed u hamsin lira maltin wiehed u erbghin centezimu (LM1351.41) u lill-attur Norman Zammit is-somma ta' hamsa u sebghin lira maltin (LM75.00). Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjes kollha tal-kawza.

Onor Imhallef Albert J. Magri